# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 13 ta’ Jannar, 2022**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 413/13JRM**

Carmel *sive* Charles **BONELLO** u martu Ruth Bonello

vs

Anthony **BONETT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-29 ta’ April, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu li l-Qorti (1) ssib li l-imħarrek juża l-proprjeta` bin-numru 39, Triq Sant’Elena, f’Tas-Sliema, li jmiss mal-post tagħhom, biex fih iżomm u jrabbi annimali [klieb] f’post residenzjali li qed

jikkawżawlhom danni għar-raġunijiet li ssemmew fil-premessi; (2) tordna u tikkundanna lill-istess imħarrek sabiex, fi żmien qasir u perentorju, jneħħi l-annimali mill-fond adjaċenti għal dak tagħhom; (3) fin-nuqqas li l-imħarrek jagħmel dan, tawtoriżżahom ineħħu l-annimali msemmija, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit minnha maħtur u bi spejjeż għall-imħarrek; (4) tillikwida d-danni minnhom imġarrbin minħabba l-inkonvenjenti fuq imsemmija; u (5) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2013[1] li bih ordnat in-notifika lill-intimat u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-intimata mressqa fl-24 ta' Mejju, 2013, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li din hi waħda minn sensiela ta' azzjonijiet imressqa mill-atturi bil-għan li jdejquh u ċaħad ix-xiljiet li saru kontrih mill-atturi. Ċaħad ukoll li huwa b'xi mod ikkawża danni lill-atturi, u saħaq li ħadd ma jista' jinstab ħati talli jgawdi ħwejġu. Temm jgħid li f'azzjoni bħal dik imressqa mill-atturi, jeħtiġilhom juru b'mod tajjeb biżżejjed li l-għemil li jixluh bih jikkostitwixxi abbuż ta' bonviċinat permezz ta' molestja gravi;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2013[2], li bih laqgħet talba mressqa mill-atturi b'rikors tagħhom tal-5 ta' Ġunju, 2013, biex jitħallew iressqu xhieda li, bi żball, naqsu li jsemmu mar-rikors li bih fetħu l-kawża;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Lulju, 2013[3] li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi mressqa mill-partijiet;

Rat il-provi u x-xhieda kollha mressqa qudddiem l-Assistant Ġudizzjarju;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2014[4], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fil-31 ta' Lulju, 2014[5];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-24 ta' Settembru, 2014[6], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

---

[1] Paġ 8 u 9 tal-proċess
[2] Paġ. 22A tal-proċess
[3] Paġ 47 u 48 tal-proċess
[4] Paġ 251 tal-proċess
[5] Paġ 252 sa 264 tal-proċess
[6] Paġ 267 sa 276 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal danni minħabba fastidju kkawżat minn klieb imrobbija mill-imħarrek bi ksur tal-bonviċinat. L-atturi jgħidu li l-imħarrek qiegħed jonqos mir-rispett lejhom bħala l-ġar tagħhom billi jrabbi u jgħammar klieb li, b'mod kontinwu, jinbħu u qed jagħtuhom fastidju u jġibu ħsara lil saħħithom. Jitolbu l-Qorti ssib lill-imħarrek ħati ta' ksur ta' bonviċinat u biex jagħmel tajjeb għad-danni li qegħdin iġarrbu. Jitolbu wkoll it-tneħħija tal-annimali mill-fond tal-imħarrek;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li din hi waħda minn sensiela ta' azzjonijiet imressqa mill-atturi bil-għan li jdejquh u ċaħad ix-xiljiet li saru kontrih mill-atturi. Ċaħad ukoll li huwa b'xi mod ikkawża danni lill-atturi, u saħaq li ħadd ma jista' jinstab ħati talli jgawdi ħwejġu. Temm jgħid li f'azzjoni bħal dik imressqa mill-atturi, jeħtiġilhom juru b'mod tajjeb biżżejjed li l-għemil li jixluh bih jikkostitwixxi abbuż ta' bonviċinat permezz ta' molestja gravi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> tal-kawża jirriżulta li l-atturi huma żewġ persuni anzjani li joqogħdu ġewwa l-fond bin-numru 19, fi Triq Blanch Huber, Sliema, filwaqt li l-imħarrek, flimkien ma' familtu[7], joqogħdu ġol-fond bin-numru 39, fi Triq Sant'Elena, Sliema. Il-fondi msemmija tal-partijiet imissu ma' xulxin min-naħa ta' wara, bil-btieħi rispettivi jmissu ma' xulxin[8];

Illi ħareġ ukoll li, fiż-żmien li nfetħet il-kawża, fil-fond tiegħu l-imħarrek irabbi erbat iklieb[9], li jitħallew jiġru mad-dar kollha, inkluż fil-bitħa[10]. L-imħarrek jistqarr li huwa jrabbi l-klieb għaliex iħobbhom u n-namra tiegħu hija li jurihom waqt "*shows*" imnedija għal dan il-għan[11];

Illi l-atturi jgħidu li l-klieb jinbħu lejl u nhar[12]. Dan ġie konfermat ukoll minn ħbieb li jżuru lill-atturi b'mod regolari f'ħinijiet diversi matul il-jum, bl-inbieħ jinstema' l-aktar min-naħa ta' wara tad-dar tal-atturi[13]. Dan qiegħed

[7] Ara x-xhieda ta' Sandro Bonett f'paġ. 186 tal-proċess
[8] Ara x-xhieda ta' Carmel Bonello f'paġġ. 29 u 39 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda ta' Anthony Bonett f'paġ. 120 sa 121 tal-proċess , flimkien ma Dokti. "AB" sa "AB2" f'paġġ. 112 sa 114 tal-proċess
[9] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 138 tal-proċess
[10] Ara l-affidavit ta' Carmen Bonett f'paġ. 197 tal-proċess u ta' Anthony Bonett f'paġ. 130 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Bridgette Farruġia f'paġ. 89 tal-proċess
[11] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 129 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Carmel Bonello f'paġġ. 31 sa 32 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Ruth Bonello f'paġ. 48 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Annunzjato Rotin f'paġ. 70 tal-proċess, Mario Muscat f'paġġ. 76 sa 77 tal-proċess, Pauline Caruana f'paġ. 94 tal-proċess u Bridgette Farruġia f'paġġ. 85 sa 86 tal-proċess

jagħtihom fastidju, bl-attur isejjaħ dan l-istat ta' ansjeta` bħala qagħda li taffetwa l-moħħ u li ġġiegħlu jitlaq mid-dar għal ħinijiet twal u jaqbduh dwejjaq hekk kif ikun qed joqrob lura[14]. L-attriċi saħansitra kienet ċertifikata li tbati minn ansjeta` kbira minħabba li għal ħinijiet twal ikollha toqgħod bl-inbieħ ta' dawk il-klieb u wkoll minħabba l-biżgħa li l-istennija waħedha li l-klieb jibdew jinbħu iġibilha taqlib kbir li ma jħallihiex twettaq l-aktar ħwejjeġ ta' rutina li bniedem ikollu jagħmel[15];

Illli jirriżulta wkoll li hemm klieb oħra f'postijiet oħrajn fl-inħawi[16] u l-imħarrek jgħid li l-klieb tiegħu ma jinbħux aktar minn dak li wieħed jistenna fin-normal[17]. Ġirien tal-imħarrek li joqogħdu tul Triq'Sant Elena, jgħidu li l-inbieħ mill-klieb tiegħu ftit li xejn jinstema', u ma jkiddhomx[18];

Illi bejn l-2011 u l-2012[19], l-atturi ressqu tliet rapporti mal-Għassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema kontra l-imħarrek, marbuta ma' fastidju mogħti mill-klieb tal-imħarrek. Jirriżulta wkoll li f'jum minnhom, wara li ddaħħal rapport mill-atturi, uffiċjali tal-Pulizija marru wara l-bieb tad-dar tal-imħarrek u ma semgħu ebda nbieħ ta' klieb[20];

Illi, minkejja dan u minħabba li kienu saru l-kwereli, il-Pulizija mexxiet bil-ftuħ ta' żewġ kawżi kriminali kontra l-imħarrek quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[21]. Fil-mori ta' din il-kawża, il-proċeduri kriminali ġew fit-tmiem tagħhom, bl-imħarrek joħroġ liberat fuq nuqqas ta' provi u minħabba l-mogħdija taż-żmien minn meta kellha titressaq l-azzjoni[22];

Illi mill-provi ħareġ ukoll li l-imħarrek kien iżomm fil-fond tiegħu tagħmir sabiex il-klieb ma jinbħux[23];

Illi fid-29 ta' April, 2013, infetħet din il-kawża;

Illi f'Ġunju 2014, l-imħarrek neħħa l-klieb mill-fond minħabba mard fil-familja[24];

[14] Xhieda tiegħu f'paġġ. 31 – 4 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Dr Etienne Muscat f'paġġ. 101 sa 105 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "A" f'paġ. 4 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 133 tal-proċess
[17] *Ibid* paġ. 130 tal-proċess
[18] Ara l-affidavit ta' Jason Micallef, Anthea Peschel, Josephine Peschel, Raymond Peschel, Joseph Abela, Ġuża Farruġia, u Krista Ellul Sullivan, f'paġġ. 174, 176 sa 179, 181 sa 182, u 158 tal-proċess
[19] Dokti. "NA" u "NA2" f'paġġ. 145 sa 151 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "B" u Dok. "C" f'paġġ. 6 u 7 tal-proċess
[20] Dok. "NA1" f'paġ. 148 tal-proċess
[21] Dokti "A" u "B" f'paġġ. 275 – 6 tal-proċess
[22] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek f'paġ. 272 tal-proċess
[23] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 135 tal-proċess
[24] Ara x-xhieda ta' Maria Theresa Bartolo f'paġ. 220 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 230 tal-proċess u dik ta' Sandro Bonett f'paġ. 184 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li l-Qorti jeħtiġilha tagħmel jintrabtu sew man-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi li hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrek jaħti għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbilta` ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[25];

Illi **dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta` għal dak li seħħ**, huwa prinċipju stabbilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[26], u li jitqies fi ħtija kull min, f'għemilu, ma jużax il-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[27]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[28];

Illi bil-frażi "dmir impost mil-liġi" wieħed għandu jifhem kull għamla ta' ksur jew trasgressjoni ta' xi dover li l-liġi tqiegħed fuq persuna partikolari f'xi ċirkostanza partikolari[29], u dan taħt il-massima *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit*. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'liġi hawn wieħed ma jifhimx biss il-liġi ċivili, imma wkoll kull att leġislativ li għandu s-saħħa ta' liġi;

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni[30];

Illi l-atturi jressqu l-molestja bħala l-kawża ewlenija tad-dannu mġarrab minnhom. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq li l-klieb iżommhom fi ħwejġu u fl-istess dar jgħix mal-familja tiegħu, u għaldaqstant huwa mpossibbli li seħħ dak li qed jixluh bih l-atturi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u l-provi mressqa miż-żewġ partijiet flimkien mal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tqis il-kwestjoni tal-ħsara pretiża mill-atturi fid-dawl tal-molestja u ksur ta' bonviċinat;

[25] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[26] Art. 1031 tal-Kap 16
[27] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[28] rt. 1033 tal-Kap 16
[29] App Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bondin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.582**)
[30] App. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***

Illi l-liġi tagħraf li sid ta' ħaġa jista' jgawdiha u jagħmel minnha bil-mod l-aktar assolut, basta li ma jagħmel biha l-ebda ħaġa li tmur kontra l-liġi[31]. Huwa magħruf ukoll li dak is-sid jista', b'qadi ta' l-imsemmi jedd, jagħmel fi ħwejġu t-tibdiliet li jidhirlu ta' siwi u konvenjenza għalih, ukoll jekk b'dan il-mod jkun qiegħed iċaħħad lill-ġar tiegħu minn xi vantaġġ li dan seta' kellu, sakemm dak il-bdil ma joħloqx molestja lil dak il-ġar[32]. Fuq kollox, biex il-ġar ikollu l-jedd iressaq ilment għal dawk it-tibdiliet, dik il-molestja trid tkun waħda gravi u mhux faċilment tollerabbli[33]. Element ieħor li jittieħed b'konsiderazzjoni huwa dak tal-anterjorita` tal-pussess[34], jiġifieri jekk min jilminta minħabba l-inkonvenjent kienx sab dak l-inkonvenjent jew molestja meta mar jgħix hemm jew jekk dik il-molestja bdietx wara li l-molestat kien diġa` daħal fil-post;

Illi kwestjonijiet dwar molestja jinbnew fuq apprezzament ta' fatt li jitolbu li min ikun imsejjaħ biex jaqta' l-kwestjoni jagħmel stħarriġ mibni kemm fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt u kif ukoll daqstant ieħor mibni fuq il-"*bon sens fil-kwadru tal-inter-relazzjonijiet bejn il-viċini, l-għarfien ta' dik il-psikoloġija li ttendi biex teżaġera r-reazzjonijiet, u l-kapaċita` li tinstilet il-vera raġuni mill-pika*"[35]. Fuq kollox, tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-użu ta' dritt jista' jinbidel f'abbuż "*mhux biss meta s-sid fiżikament jidħol fl-art ta' ħaddieħor, iżda f'każijiet oħra ta' immissio in alienum b'mezzi li, għalkemm ma jidhrux jew ma jintmissux, xorta jinħassu. Ħsejjes, sħana, trabijiet u dħaħen ukoll jistgħu, jekk ma jkunux 'fil-qies li jmiss', jitqiesu bħala invażjonijiet illeċiti tal-proprjeta` ta' ħaddieħor u għalhekk il-ħsara li jagħmlu tkun damnum iniuria datum*"[36];

Illi aspett ieħor li ġeneralment joħroġ f'kull kwestjoni li tolqot l-element tal-inkonvenjent hija dik dwar il-grad ta' tolleranza għall-ħaġa jew għall-għemil li jkun qiegħed jiġġenera d-dannu[37]. Dejjem hija mistoqsija iebsa dik li tipprova twieġeb x'inhu tollerabbli u x'm'huwiex, u dan mhux l-anqas minħabba l-aspett soġġettiv tal-persuna li tressaq l-ilment[38]. Bosta drabi, il-kejl biex wieħed iqis jekk inkonvenjent huwiex wieħed li ma jistax ikun raġonevolment tollerat huwa determinat miċ-ċirkostanzi konkreti tal-każ, imma jista' jinstilet minn ħsara jew dannu għas-saħħa ta' dak li jkun[39], jew li tħalli lill-persuna mikxufa għal periklu kontinwu[40]. B'mod partikolari, il-kejl ta' dak li huwa tollerabbli jitqies

[31] Art. 320 tal-Kap 16
[32] App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Chetcuti vs Francis Aġius*** (mhix pubblikata)
[33] App. Kumm. **30.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Bruno et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.560)** u App.Ċiv. **7.10.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Abela vs Sebastian Żammit*** (mhix pubblikata)
[34] App. Ċiv. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Lina Manfré et vs Fay Spiteri*** (mhix pubblikata)
[35] P.A. PS **24.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Baldacchino vs Edwin Paċe*** (mhix appellata)
[36] P.A. GCD **20.10.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Anastasi et vs Lombard Bank Malta p.l.c.*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell, ħlief għal bidla ta' dettal, fid- 9.1.2009)
[37] App. Ċiv. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Rita Livori vs Tarcisio Cassar et***
[38] App. Ċiv. **10.4.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Mifsud et vs Joseph Falzon*** (mhix pubblikata)
[39] Maġ. Għ. AE 28.6.2007 fil-kawża fl-ismijiet Graziella Catuogno pro et noe vs George Xuereb (trobbija ta' bhejjem f'passaġġ li jmiss ma' dar abitata)
[40] Maġ. Għ. AE 29.2.2008 fil-kawża fl-ismijiet Raymond Vella et vs Emmanuel Buttiġieġ et noe (appellata) (dwar ħażna ta' ċilindri tal-gass maġenb djar ta' abitazzjoni)

bħala "*tollerabilita` fiżika, medju u komuni. L-impressjonabilita` għandha tkun dik ta' persuna sana*"[41];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq imsemmija u mqabblin mal-fatti riżultanti, il-Qorti ssib li l-atturi kienu suġġetti għal molestja fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom minħabba u matul iż-żmien li l-attur kellu klieb miżmuma fil-fond residenzjali tiegħu. Tqis li din il-molestja kienet waħda gravi u mhux tollerabbli, li setgħet kienet imnaqqsa bl-użu ta' aktar ħsieb u prudenza min-naħa ta' l-imħarrek, u li affettwat is-saħħa tal-atturi, b'mod partikolari tal-attriċi li, fi kliem il-konsulent mediku li kkonsultat, spiċċat li żviluppat "*phobic anxiety disorder*"[42]. Fis-sottomissjonijiet tal-għeluq, l-imħarrek iressaq l-argument li dik il-kundizzjoni fl-attriċi ma kinitx kawżata mill-inbieħ tal-klieb tiegħu u li, kieku l-klieb kellhom jitneħħew, hija żgur li ssib xiħaġa oħra li tgħid li qiegħda ddejjaqha. Il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument. Fl-ewwel lok, dak li ġarrbet u għaddiet minnu l-attriċi kien marbut maċ-ċirkostanza partikolari tal-inkonvenjent tal-inbieħ tal-klieb. Fit-tieni lok, dak l-argument huwa wieħed ipotetiku u mhux imsejjes fil-fatti;

Illi l-Qorti tqis ukoll l-atteġġament tal-imħarrek: filwaqt li ma ra xejn ħażin u rreżista bil-qawwa fiż-żamma ta' erbat iklieb id-dar minkejja r-rapporti li tressqu kontrih mal-Pulizija, kien pront neħħihom mill-fond tiegħu hekk kif, sfortunatament, iċ-ċirkostanzi ta' saħħet membru tal-familja tiegħu iddettaw li jsir hekk[43]. Il-Qorti tqis ukoll li l-imħarrek xehed li, sakemm kien għadu jżomm il-klieb fid-dar, kien xtara tagħmir apposta biex irażżan id-drabi li l-klieb jinbħu. Huwa jgħid li dan għamlu sewwasew bit-tama li l-atturi ma jibqgħux jilmentaw mill-inbieħ. Imma jibqa' l-fatt li b'dan il-mod, l-imħarrek kien għaraf li l-ilmenti ma kinux frott l-istħajjil tal-atturi, u li ladarba għamel dak il-pass kien iħoss huwa wkoll li kien hemm bżonn li jagħmel xi ħaġa biex jindirizza l-problema. Il-Qorti tqis ukoll li l-imħarrek kien ilu bin-namra tat-trobbija tal-annimali f'daru bosta snin qabel ma l-atturi daħlu joqogħdu fil-post tagħhom. Imma, fil-fehma tagħha, din iċ-ċirkostanza ma xxejjinx l-elementi tal-inkonvenjent u ta' molestja li l-atturi kellhom iġarrbu. Il-Qorti qieset ukoll li, fl-inħawi, kien hemm familji oħrajn li jrabbu u jżommu klieb, imma ntwera li dawn joqogħdu f'bogħod aktar minn fejn joqgħod l-imħarrek u l-imkien li fih kien iħalli l-klieb tiegħu jiġġerrew, li jiġi jmiss sewwasew mal-post tal-atturi;

Illi fid-dawl ta' din il-fehma, il-Qorti ssib li l-**ewwel talba** jixirqilha tintlaqa' għaliex hija mistħoqqa u l-atturi seħħilhom juru li l-molestja kawżata mill-klieb imrobbija mill-imħarrek kienet waħda li taqbeż it-tolleranza konsentita;

---

[41] App. Ċiv. **27.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Bezzina vs Galea*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.413**) (dwar kalkara tal-ġir f'imkien qrib razzett abitat)
[42] Xhieda ta' Dr Etienne Muscat f'paġġ. 101 – 5 tal-proċess
[43] Ara f'dan is-sens ix-xhieda mogħtija mill-imħarrek f'paġ. 230 tal-proċess

Illi fid-dawl tal-fatt li mill-provi ħareġ li, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, l-imħarrek neħħa l-klieb mill-post, il-mertu tat-**tieni u t-tielet talbiet attriċi** jinsab eżawrit. Il-Qorti tgħid li se tastjeni milli tilqagħhom. Madankollu, tiċċara li kienet tilqa' dawk it-talbiet ukoll, li kieku ma kinitx għaċ-ċirkostanza msemmija;

Illi jifdal li l-Qorti tqis is-siwi tat-**talbiet attriċi li fadal**. L-effetti tal-molestja jissarrfu f'telf dirett imġarrab mill-parti molestata. Fuq is-saħħa ta' dak li ngħad qabel dwar is-sisien li fuqhom tinbena l-ħtija ta' min jikkawża ħsara lil ħaddieħor bl-użu mhux tajjeb ta' ħwejġu, l-effett ikun l-obbligu li min nissel dik il-ħsara jrid jagħmel tajjeb għaliha. Kif issemma qabel, din il-ħsara trid tkun pruvata minn min iġarrabha u tinbena fuq l-istess sisien tal-ħtija akwiljana;

Illi fir-**raba' talba** tagħhom l-atturi jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba. M'għandux ikun hemm dubju li hemm dritt ta' kumpens għal danni naxxenti minn molestja dovuta minn nuqqas ta' ħsieb jew prudenza minn ġirien. Huwa stabbilit ukoll li l-likwidazzjoni ta' danni *arbitrio boni viri* tkun f'waqtha meta jkun diffiċli li ssir il-prova, b'mezzi ordinarji, tad-danni effettivament sofferti[44], bħal ma huwa dan il-każ;

Illi wara li l-Qorti ħadet qies taċ-ċirkostanzi kollha msemmija, aktar qabel, u fosthom it-tul taż-żmien li l-molestja damet għaddejja u l-effetti fuq saħħet iż-żewġ atturi miżżewġin Bonello, il-Qorti tqis li għandha tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' elfejn euro (€2,000) bejniethom;

Illi għalhekk b'tali likwidazzjoni sejra tipprovdi biex tilqa' r-raba' talba attriċi;

Billi l-**ħames talba** attriċi hija konsegwenzjali għar-raba talba, sejra wkoll tiġi milqugħa billi dik is-somma jrid iħallasha l-imħarrek ladarba huwa jwieġeb għall-molestja mġarrba mill-atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi**, u ssib li l-imħarrek jaħti għall-molestja mġarrba mill-atturi minħabba t-trobbija u ż-żamma tal-annimali fl-ambjenti residenzjali qrib il-ġid tal-atturi;

[44] Ara b'eżempju, App. Ċiv. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Żammit noe vs Charles Polidano et*** ; u P.A. MCH **12.2.2018** fil-kawża fl-imsijiet ***Perla Hotels Limited vs Native Limited et*** (mhux appellata)

**Tastjeni** milli tqis **it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** minħabba li l-mertu tagħhom huwa eżawrit;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi,** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi fis-somma ta' elfejn euro (€2,000) bejniethom;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi**, u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' elfejn euro (€2,000) bejniethom; u

**Tordna** li l-imħarrek iħallas ukoll **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' Jannar, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**